| | |
|---|---|
| **From:** | Farrugia Anglu at Parlament-MT |
| **To:** | Scicluna Ray at Parlament-MT |
| **Subject:** | Fwd: Rapport li deher illum fil-media |
| **Date:** | Wednesday, 2 August 2023 19:22:53 |

Sent from Outlook for Android

---

**From:** Farrugia Michael at Parlament-MT <michael.farrugia@parlament.mt>
**Sent:** Wednesday, August 2, 2023 7:20:46 pm
**To:** Farrugia Anglu at Parlament-MT <anglu.farrugia@parlament.mt>
**Subject:** Rapport li deher illum fil-media

Sur President tal-Kamra tad-Deputati,

llli fl-ewwel lok irrid nesprimi d-dizappunt tieghi bhala Membru Parlamentari li kelli nkun naf ukoll mill-media mhux biss li giet konkluza investigazzjoni fil-konfront tieghi mill-Kummissarju ghall-Istandards fil-hajja Pubblika, imma sahansitra gew irraportati l-konkluzzjonijiet tal-istess inkjesta, minkejja li l-Kumitat Parlamentari ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika kien ghadu lanqas iltaqa u ddecieda dwar il-pubblikazzjoni o meno tar-rapport ta’ investigazzjoni nkwistjoni.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghi li naghmel is-sottomissjonijiet ulterjuri fuq l-eventwali rapport li ghadu jrid jigi ppubblikat, irrid necepixxi s-segwenti fatti abbazi ta’ dak irrapportat fil-media.

Minn dak irraportat, jekk fhimt sew, il-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika ma emminx li l-proposti li jien ressaqt lis-CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar f'isem il-Gvern kienu rizultat ta' diskussjoni li saret fil-kumitat inter-ministerjali li kien jevalwa policies li kienu jitressqu ghall-konsultazzjoni pubblika. Il-kumitat inter-ministerjali fejn ikun hemm bzonn jirrakomanda lill-persuna politikament responsabbli biex f'isem il-Gvern iressaq oggettivi strategici tal-Gvern ghall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Ippjanar! Filwaqt li dan lest li nghidu taht gurament, nirreferik ghax-xhieda tas-Sur Buttigieg kif intbaghatet lili mill-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika:

'Il-kumitat inter-ministerjali li kien iressaq strategic directions tal-Gvern.

Fir-rigward tal-kumitat inter-ministerjali responsabbli biex iressaq l-oggettivi strategici tal-Gvern, is-Sur Buttigieg ikkonferma li kien membru fuq dan il-kumitat, li ddeskrivih bhala:

"Kumitat fejn konna qeghdin niltaqghu, numru ta' CEOs u numru ta' Ministri biex kemm jista jkun, meta nkunu qeghdin naghmlu policy jew, nippreparaw policy jew idea, tigi diskussa hemmhekk biex, ovvjament, ikun hemm il-coordinated approach bejn l-entitajiet kollha." '

Nigbidlek l-attenzjoni ghall-fatt li s-Sur Buttigieg kien wiehed mill-persuni prezenti fil-laqgha inter-ministerjali meta gew diskussi l-proposti strategici tal-Gvern dwar il-Policy tal-Floor Area Ratio u l-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika setgha kkonferma mieghu xi dubju li kellu billi staqsih mistoqsijiet specifici.

Dan juri b'mod car li kuntrarju ta' dak irrapurtat fil-media ta' rapport li ghadni ma rajtx, il-konkluzjoni li qed jinghad li wasal ghaliha l-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja

Pubblika ma tirraprezentax il-verita tal-fatti u ta' dan lest li nressaq aktar provi u/jew xhieda li jikkontradixxu l-konkluzjoni kif ippublikata fil-media dwar l-imsemmija laqgha inter-ministerjali.

Barra minn hekk, kif jirrizulta minn dokument li ghandu f'idejh il-Kummissarju tal-Istandards fil-Hajja Pubblika, kien il-Bord tal-Ippjanar li fl-ahhar mill-ahhar jevalwa u jiddecidi x'proposti jdahhal fid-draft finali, kemm jekk hux proposti li jkun ircieva mill-konsultazzjoni pubblika kif ukoll tal-oggettivi strategici tal-Gvern, li bhala l- persuna dak inhar politikament responsabbli jien ressaqt f'isem il-Gvern, skont il-Ligi.  Nigbidlek l-attenzjoni li wara li gew evalwati l-proposti, il-Bord tal-Ippjanar kien approva unanimament id-draft finali dwar Il-policy tal-FAR, kif emendata waqt il-laqgha tal-bord. Il-vot unanimu favur il-policy finali dwar FAR kif emendata kien jinkludi ukoll il-vot tal-Membru Parlamentari tal-Oppozizzjoni li dak inhar kien qed jirraprezenta lill-Oppozizzjoni fuq il-Bord tal-Ippjanar.

Sfortunatament ghadni ma nafx l-ezitu tar-rapport dwar l-ilment li tressaq ghall-investigazzjoni mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni li jien kont tajt ix-xhieda tieghi quddiemu taht gurament u mhux biss permezz ta' emails.

Illi filwaqt qed naghmilha cara li jien m’ghandi ebda oggezzjoni ghal pubblikazzjoni tar-rapport tal-Kummissarju ghall-Istandards fil-hajja pubbliku ghax nemmen bis-shih bit-trasparenza, l-inqas ħaġa li hija mistennija mill-Kumitat Parlamentari huwa dik li flimkien mar-rapport jippubblika wkoll din ir-reazzjoni inizjali tieghi. Kont nippreferi aktar u aktar li z-zewg rapporti kemm dak tal-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika u dak tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzjoni jigu ppublikati fl-istess hin.

Nirringrazzjak.

Inselli ghalik,

Dr Michael Farrugia